19 ta' Ġunju, 1947.

Imħallef :

L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

Giuseppe Chetcuti *versus* Baruni Peter Paul Testaferrata Moroni Viani

**Siġar — Preskrizzjoni — Distanzi Legali — Art. 474, 475, 502 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Il-preskrizzjoni li biha l-liġi tolqot l-azzjoni ta' min irid jitlob ir-rimozzjoni ta' siġar li ma jkunux imħawlin fid-distanza legali, jew li*

*jkunu qegħdin jagħmlulu ħsara fil-fond tiegħu, hija dik ta' tletin sena, li jibdew jgħaddu mill-jum li fih tħawlu s-siġar.*

*Kontra dik il-preskrizzjoni ma jistax jiġi nvokat l-art. 502 tal-Kodiċi Ċivili li jistabbilixxi li l-azzjoni tal-padrun dirett jew ta' sid il-fond mhix preġudikata bis-servitù li ċ-ċenswalista, l-użufruttwarju, jew il-kerrej tal-fond, ikun ħalla li tiġi eżerċitata fuq il-fond mingħajr ebda titolu li kien jeżisti qabel.*

*Imma avvolja s-sid tal-għalqa jkun tilef bil-preskrizzjoni d-dritt li jeżiġi r-rimozzjoni minn fond viċin ta' siġar imħawlin mhux fid-distanza legali, huwa jista' dejjem jirrimedja għall-ħsara li jkunu jagħmlulu l-għeruq ta' dawk is-siġar meta jinoltraw ruħhom fil-fond tiegħu; għax huwa jibqagħlu d-dritt li jagħmel fil-fond tiegħu x-xogħlijiet meħtieġa biex ineħħi dik il-ħsara, u jista' jaqta' huwa stess l-għeruq li jibqgħu deħlin fil-fond tiegħu. Liema dritt ma jintilefx bl-ebda preskrizzjoni.*

Il-Qorti, — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur, wara li ppremetta li fl-għalqa msejħa "ta' l-Oħxon" fil-limiti taż-Żurrieq, proprjetà tal-konvenut, jinsabu xi siġar li qegħdin imħawlin ma'-ħajt diviżorju ta' bejn l-għalqa fuq imsemmija u l-għalqa msejħa "ta' Bubaqra" fil-limiti taż-Żurrieq, proprjetà ta' l-attur; u li dawna s-siġar qegħdin jirrekaw danni lill-proprjetà ta' l-attur, billi l-għeruq tagħhom inoltraw ruħhom fl-għalqa tiegħu bi ħsara għall-benefikati u prodotti agrikoli ta' l-istess attur; u illi dawn l-istess siġar ma humiex imħawlin f'dik id-distanza li trid il-liġi mill-ħajt diviżorju fuq imsemmi; u li l-konvenut ġie interpellat inutilment biex jaqla' l-istess siġar; talab illi l-istess konvenut jiġi kundannat li jaqla' s-siġar fuq imsemmijin, jew b'mod ieħor effettivament jirrimedja għall-ħsara illi l-istess siġar qegħdin jikkaġunaw fil-proprjetà tiegħu; b'riżerva ta' kull azzjoni oħra għad-danni. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tad-19 ta' Diċembru 1946;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi, skond il-liġi, ħadd ma jista' jħawwel fil-fond tiegħu siġar ta' zokk għoli f'bogħod ta' anqas minn tmien piedi, jew siġar oħra f'bogħod ta' anqas minn erba' piedi, mill-linja li taqsam il-fond tiegħu mill-fond tal-viċin; u l-viċin jista', sakemm ma jkunx għadda ż-żmien meħtieġ għall-preskrizzjoni,

jitlob li s-sigar jinħawlin f'bogħod anqas, jew li, għalkemm ikun tħalla dak il-bogħod, ikunu jagħmlulu ħsara, jiġu maqlugħa bi spejjeż tas-sid (Kodiċi Civili, artikolu 474);

Illi l-preskrizzjoni li fuqha titkellem il-liġi hija dik ta' tletin sena, u tibda tiddekorri mill-jum li fih ikunu ġew imħawlin is-siġar;

Illi jikkonsta mid-depożizzjoni ta' Ignazio Camilleri u ta' l-istess attur, illi s-siġar imsemmijin fl-att taċ-ċitazzjoni ilhom jeżistu aktar minn 30 sena;

Tikkunsidra;

Illi kontra l-imsemmija preskrizzjoni l-attur invoka d-dispożizzjoni ta' l-art. 502 tal-Kodiċi Civili;

Illi, skond dak l-artikolu, is-servitù illi l-enfitewta, l-użufruttwarju, jew il-kerrej, ikunu ħallew li tiġi eżerċitata fuq il-fond, mingħajr ebda titolu li kien jeżisti minn qabel, mhix ta' ħsara għall-padrun dirett, jew għas-sid ta' dak il-fond, ikun kemm ikun iż-żmien li fih is-servitù tkun ġiet eżerċitata;

Illi dak l-artikolu tal-liġi mhux applikabili għal-każ; inveru hu jirriferixxi għall-preskrizzjoni bħala wieħed mill-modi, fost oħrajn — jiġifieri t-titolu u d-destinazzjoni tal-missier ta' familja — li bihom, skond il-liġi, tista' tiġi akkwistata servitù volontarja;

Tikkunsidra;

Illi jekk l-għeruq tas-siġar fuq indikati jinoltraw ruħhom fl-għalqa ta' l-attur u jikkaġunawlu danni, huwa f'dak il-każ ikollu d-dritt li jirrimedja billi jagħmel ix-xogħlijiet meħtieġa fil-fond tiegħu, u jkollu anki d-dritt, stabbilit fl-art. 475 tal-Kodiċi ċitat, li jaqta' huwa stess l-għeruq li jibqgħu deħlin fil-fond tiegħu; liema dritt huwa qatt ma jitlef bl-ebda preskrizzjoni, għar-raġuni, kif ġie ritenut minn din il-Qorti bis-sentenza tal-20 ta' Ottubru 1897 (Vol. XVI—II—128), illi l-kwistjoni allura ma tkunx fuq dak li huwa jista' jeżiġi minn għand il-konvenut, imma fuq dak illi bħala proprjetarju huwa arbitru li jagħmel fil-fond tiegħu;

Għal dawn il-motivi;

Tilqa' l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, u tiċħad it-talbiet ta' l-attur; bl-ispejjeż.